8.2.2010

B7-0064/2010 }
B7-0066/2010 }
B7-0070/2010 }
B7-0077/2010 }
B7-0083/2010 }
B7-0085/2010 } RC1/Am. 4

**Emenda 4**
**Jo Leinen**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
L-eżitu tal-Konferenza ta' Kopenħagen dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 15)

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinnota l-impenn għal fond annwali ta' USD 100 biljun mill-pajjiżi żviluppati sal-2020 u s-somma ta' USD 30 biljun għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw matul it-tliet snin li ġejjin (2010-2012), biex jgħin fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-istabbiliment ta' fond ekoloġiku għall-klima li jappoġġa proġetti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw li għandhom x'jaqsmu mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti; | 7. Jinnota l-impenn għal fond annwali ta' USD 100 biljun mill-pajjiżi żviluppati sal-2020 u s-somma ta' USD 30 biljun għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw matul it-tliet snin li ġejjin (2010-2012), biex jgħin fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-istabbiliment ta' fond ekoloġiku għall-klima li jappoġġa proġetti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw li għandhom x'jaqsmu mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti; ***madankollu, jiddispjaċih li l-impenn huwa inqas mill-istima tal-Kummissjoni li se jinġabru EUR 100 biljun sal-2020;*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Jo Leinen**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
L-eżitu tal-Konferenza ta' Kopenħagen dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 15)

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jenfasizza li r-reviżjoni tal-baġit tal-UE li jmiss teħtieġ tiffoka fuq l-għoti suffiċjenti ta' riżorsi għal miżuri ta' protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih, kemm fl-UE kif ukoll f'pajjiżi li qed jiżviluppaw; jinnota wkoll li r-reviżjoni għandha tqis l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi finanzjarji ġodda u innovattivi biex jappoġġaw azzjoni internazzjonali dwar il-klima; | 9. Jenfasizza li r-reviżjoni tal-baġit tal-UE li jmiss teħtieġ tiffoka fuq l-għoti suffiċjenti ta' riżorsi għal miżuri ta' protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih, kemm fl-UE kif ukoll f'pajjiżi li qed jiżviluppaw; jinnota wkoll li r-reviżjoni għandha tqis l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi finanzjarji ġodda u innovattivi biex jappoġġaw azzjoni internazzjonali dwar il-klima***, bħal ma hija taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji***; |

Or. en

8.2.2010

B7-0064/2010 }
B7-0064/2010 }
B7-0070/2010 }
B7-0077/2010 }
B7-0083 }
B7-01-00 } RC1/Am. 6

**Emenda 6**
**Jo Leinen**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
L-eżitu tal-Konferenza ta' Kopenħagen dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 15)

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Iqis li d-dewmien biex jinstab ftehim internazzjonali ma jiġġustifikax il-posponiment ulterjuri tal-politiki tal-UE biex jintlaħaq tnaqqis li, fid-dawl ta' sejbiet xjentifiċi, huwa meqjus neċessarju; ifakkar fl-impenn tagħna biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tagħna b'20% sal-2020, li diġà jorbot legalment, u fix-xewqa tagħna li naslu għal tnaqqis ta' 30%; jinnota wkoll li l-inizjattivi li saru fl-UE biex jiġu promossi u jitħeġġu l-ekonomija ekoloġika, is-sigurtà tal-enerġija u d-dipendenza mnaqqsa fuq l-enerġija għandhom jagħmluha iżjed u iżjed faċli biex jitwettaq l-impenn għal tnaqqis ta' 30%; | 2. Iqis li d-dewmien biex jinstab ftehim internazzjonali ma jiġġustifikax il-posponiment ulterjuri tal-politiki tal-UE biex jintlaħaq tnaqqis li, fid-dawl ta' sejbiet xjentifiċi, huwa meqjus neċessarju; ifakkar fl-impenn tagħna biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tagħna b'20% sal-2020, li diġà jorbot legalment, u fix-xewqa tagħna li naslu għal tnaqqis ta' 30%***, li l-UE reġgħet ikkonfermat lin-NU, f'konformità mal-Ftehim ta' Kopenħagen, fis-27 ta' Jannar 2010***; ***jitlob lill-UE biex tinsisti bl-ambizzjonijiet tagħha għall-ħarsien tal-klima u biex tqis impenji unilaterali għal tnaqqis li sal-2020 jimmiraw lejn il-valuri l-aktar għolja tal-iskala bejn 25% u 40%;*** jinnota wkoll li l-inizjattivi li saru fl-UE biex jiġu promossi u jitħeġġu l-ekonomija ekoloġika, is-sigurtà tal-enerġija u d-dipendenza mnaqqsa fuq l-enerġija għandhom jagħmluha iżjed u iżjed faċli biex jitwettaq l-impenn għal tnaqqis ta' 30%; |

Or. en

8.2.2010

B7-0064/2010 }
B7-0064/2010 }
B7-0070/2010 }
B7-0077/2010 }
B7-0083 }
B7-01-00 } RC1/Am. 7

**Emenda 7**
**Jo Leinen**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
L-eżitu tal-Konferenza ta' Kopenħagen dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 15)

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 a (ġdid)**

| *Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***5a. Jitlob lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jinfurzaw il-prinċipju tal-"ġustizzja tal-klima" f'perspettiva fit-tul mill-2050 u lil hinn; għalhekk huwa favur klawżola ta' ekwità fin-negozjati internazzjonali tal-ġejjieni dwar il-klima;*** |

Or. en

8.2.2010

B7-0064/2010 }
B7-0064/2010 }
B7-0070/2010 }
B7-0077/2010 }
B7-0083 }
B7-01-00 } RC1/Am. 8

**Emenda 8**
**Jo Leinen**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
L-eżitu tal-Konferenza ta' Kopenħagen dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 15)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 9 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jitlob lill-UE biex tipproponi l-ħolqien ta' rata ta' taxxa ta' 0.01% fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, li tirriżulta f'EUR 20 000 miljun fis-sena biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu megħjuna jiġġieldu t-tibdil fil-klima u jadattaw ruħhom għaliha; iqis li din għandha tkun allokata għal miżuri li jippermettu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jipprovdu inċentivi għall-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-art kif ukoll id-deżertifikazzjoni;*** |

Or. en